**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**
**[Spettur Louise Calleja]**

**vs**

**-Omissis-**
**Jason Caruana**
**Carol Mangion**

**Kumpilazzjoni Numru:** 196/17

**Illum, 29 ta' Ottubru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis-, Jason Caruana detentur tal-karta tal-identita` numru 413180M u Carol Mangion detentur tal-karta tal-identita` numru 287167M.

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Novembru 2007 u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi

zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Bi vjolenza jew theddid, inkluz is-serq ta' persuna, b'qerq jew ingann, uzu influenza jew pressjoni, u billi taw jew ircievew hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuna li kellhom l-kontroll fuq persuna ohra, ittraffikaw persuni ta' eta' bil-ghan li dawn il-persuni jigi sfruttati ghall-prostituzzjoni;

2) Bi vjolenza, b'theddid, b'qerq, bi drawwa jew ghal qliegh, biex iserhu z-ziena ta' haddiehor, hajjru persuna taht l-eta' ta' wiehed u ghoxrin sena biex jigu Malta ghal skop ta' prostituzzjoni x'imkien iehor, inkella, jinkoraggixxu jew jiffacilitaw is-safar taghhom minn Malta jew li huma jaslu Malta ghal dak l-iskop;

3) B'abbuz ta' fiducja, bi drawwa jew ghal qligh biex iserrah iz-zina ta' haddiehor, gieghelu bi vjolenza jew b'theddid jew hajjru b'qerq, persuni li ghalqu l-eta' ta' wiehed u ghoxrin

sena biex jigu Malta minn band'ohra ghal skop ta' prostituzzjoni f'dawn il-gzejjer;

4) Ippromovew, ikkostitwixxu, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;

5) Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

6) Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' barranija,

7) Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li

huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali

8) Bhala s-sidien jew li ghandhom taht idejhom l-amministrazzjoni ta' dar jew fond St Louis Flats, Triq San Alwigi, Msida, xjentement taw b'kiri, jew ipermettew l-uzu ta' dawn il-post ghal skop ta' prostituzzjoni;

U lil -ommiss-

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta; tal-imsemmija Olena Deryabina ta' nazzjonalita' Ukrena u Andreeva Mariya, Svetlana Tsareva u Anna Babina ta' nazzjonalita' Russa, u l-familji taghhom, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018) fejn intalab li tinstab htija taht is-segwenti Artikoli u cioe:-

Fir-rigward ta' Jason Caruana wahdu:

a. fl-Artikoli 248A(1)(2), 248B, 248E(1) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 2(1)(c), 3(1), 7(1)(3) u 8(1)(2)(3)tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikoli 83A(2) u 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
e. fl-Artikoli 17, 18, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' Carol Mangion wahdu:

a. fl-Artikoli 2(1)(c), 3(1), 7(1)(3) u 8(1)(2)(3)tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 83A(2) u 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
e. fl-Artikoli 17, 18, 23A, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat iz-zewg rikorsi konguntivi tal-Avukat Generali u tal-imputati odjerni datati sitta (6) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018) li a bazi tal-Artikolu 392A (5) (6) u (7) talbu lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza kontrihom bil-pieni hemm mitluba;

Rat illi fir-rikorsi konguntivi l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie erronjament indikat bhala "329A" izda tali zball m'ghandux jannulla tali rikorsi;

Rat l-ammissjoni ta' htija taz-zewg imputati Carol Mangion u Jason Caruana fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018);

Rat l-istess Artikolu 392A (5) (6) u (7) tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante li din il-Qorti hi sodisfatta li l-pieni mitluba kif ukoll is-sanzjonijiet u l-konsegwenzi ohra tasattivi huma legittimi wara li rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputati u l-atti kollha tal-kawza, din il-Qorti ser tghaddi biex tippronunzja s-sentenza kontrihom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-ammissjoni inkundizzjonata u rrevokabbli tal-imputati ssib lill-imputat:

**Carol Mangion** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum, kif ukoll multa ta' mitejn ewro (€200).

U lil **Jason Caruana** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin kif ukoll multa ta' mitejn ewro (€200).

Il-Qorti ma tistax timponi l-ebda multa ghall-hlas ta' spejjez ta' esperti nominati f'dawn il-proceduri stante li jidher li l-process li kien quddiem Qorti diversament presjeduta gie ffotokopjat u ma kienx hemm kopji tat-taxxi.

Illi ma tistax l-anqas taghti direttivi fuq l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gietx ippruvata u ghaldaqstant tordna r-revoka tal-Ordni tal-iffrizar kontra l-imputati.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**